

# IL-Koppla tas-Siġġiewi - 100 Sena

Kitba: Dr Nicholas Vassallo D.Litt

Il-koppla tas-Siġġiewi fl-ewwel ċentinarju tagħha: Inbniet fl-1919 fuq pjanta tal-perit Andrea Vassallo, imwieled aktarx Tas-Sliema fl-1856. Għall-bidu kien skultur aktar tard laħaq perit u beda jaħdem għal rasu. Meta kellu madwar 30 sena beda jaħdem bħala skrivan tax-xogħol tal-bini. Għoxrin sena wara, imbagħad, ingħata ċ-ċertifikati meħtieġa biex jaħdem ta' perit w inġinier ċivili. Kien imħarreġ sewwa fis-sengħa tal-bini u ħafna drabi kien iżur il-lantijiet tax-xogħol fdati lilu biex jara li kollox miexi skont il-pjanti ppreparati minnu. Ippjana ħafna djar u bini ieħor lejn Tas-Sliema u postijiet oħra u ħa ħsieb xogħolijiet ta' drenaġġ jew xogħolijiet pubbliċi. Bħala arkitett tant kien jinqala' li mingħajr ma kien għamel l-eżamijiet fl-arkitettura illi ingħata l-permessi biex jaħdem ta' perit. L-ogħla istituzzjonijiet tal-għaqdiet Ingliżi tal-arkitettura wkoll irrikonoxxewh għall-ħila kbira tiegħu f'dan il-qasam. Il-koppla tas-Siġġiewi, flimkien ma dik tal-Ħamrun huma meqjusin bħala kapulavuri minkejja li xi wħud jilmentaw li l-koppla tas-Siġġiewi hija għolja ż-żejjed u li ma tantx tingħoġob minn xi kritiċi tal-arti arkitettonika. . Fil-bini tagħha ħadmu, minbarra l-ħaddiema mpjegati mill-bennej Pietru Mallia, ħadu wkoll sehem bosta rġiel u żgħażagħ Siġġiwin illi, nhar ta' Ħadd u fil-festi kmandati, wara l-quddies ta' filgħodu, kienu jiġbdu l-ħbula tal-imradd minn quddiem iz-zuntier sa San Nikola biex itellgħu l-knaten fuq il-bejt tal-knisja jew fuq l-armar.

Il-koppla li naraw illum ħadet post waħd'oħra ferm iżgħar minn dik li ddiżinja il-perit Andrea Vassallo; kienet baxxa u ftit li xejn tixraq lid-dehra tal-knisja tal-bidu tas-Seklu Għoxrin, imżejna b'żewġ kampnari stil barokk tassew artistiċi li meta tħares lejhom tgħid, bla ma trid, "Ara! Dak is-Siġġiewi". Għalhekk il-perit Vassallo ħaseb biex ikompli jsebbaħ dan it-tempju hekk meraviljuz billi ħoloq struttura li tiġbed il-għajn f'nofs ta' raħal imdawwar bil-kampanja. Il-koppla tal-knisja tas-Siġġiewi hija waħda mill-ogħla koppli f'Malta. Għalhekk il-perit Andrea Vassallo, biex ma tistonax meta mqabbla mal-bqija tal-istruttura tal-knisja, għolla t-timpana tal-frontuspizju fil-faċċata biex il-koppla tinsatar min-naħa ta' quddiem. F'dan il-kas ħa in konsiderazzjoni il-fatt li l-pjazza ta' quddiem il-knisja parrokkjali tagħna għanda pendenza qawwija u għalhekk, meta wieħed iqabbilha mal-faċċata tal-knisja u meta jħares lejha minn quddiem l-istatwa ta' San Nikola f'nofs il-misraħ, wieħed ma jistax ma jagħtix raġun lill-perit Andrea Vassallo. Imma biex wieħed japprezza tassew il-preġju tal-koppla, m'hemmx aħjar milli wieħed jaqbeż qabża sa Ħal Xluq u jħarsilha minn salib it-toroq ħdejn l-istatwa ta' Santa Marija biswit it-triq li tagħti għall-kappella ta' Ħal Xluq biex josservaha fil-kumpless tar-Raħal tas-Siġġiewi bħalma bosta drabi jagħmlu t-turisti li, wara li jkunu żaru r-r-raħal tagħna, jerħulha lejn Ħaġar Qim.